MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Numru. 815/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Carmel Callus**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmel Callus ta' 34 sena, bin Carmel u Annunziata nee' Grech, imwieled Pieta fis-26 ta' Settembru 1970, residenti f'114, 'Dar il-Millenium', Triq il-Gandofla, Birzebbuga, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 488970 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'The Strand, il-Gzira, fis-6 ta' Awissu 2005, mexxa biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li huma falsifikati;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 17 ta' Mejju 2007 (esebita a fol. 67 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 45(1) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tal-10 ta' April 2008, l-imputat Carmel Callus ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-6 ta' Awwissu 2005, il-Pulizija rceviet informazzjoni

kunfidenzjali li kien hemm persuna li prova juza flus foloz fil-Black Gold Bar il-Gzira u li dan ir-ragel kien qed idur f'dawk l-inhawi b'vettura tal-marka Ford u bin-numru tar-registrazzjoni BAD 285. L-Ispettur Angelo Gafa' akkompanjat minn PS1124, PC569 u PC474 marru fil-post in kwistjoni fejn sabu l-imsemmija vettura parkeggjata quddiem il-Black Gold Bar. Huma ivverifikaw ta' min kienet l-imsemmija vettura u inghataw informazzjoni li din kienet tal-imputat. Huwa gie arrestat u saret tfittxija fuq persuntu u instab li huwa kellu fil-pussess tieghu l-ammont ta' Lm140 fi flus kontanti u fosthom kien hemm tlett biljetti li l-Pulizija issuspettat li kienu foloz u dawn kienu zewg biljetti tal-Lm10 li kellhom l-istess serial number u cioe' C/51374688 kif ukoll biljett wiehed taz-Lm2 li kellu s-serial number A/21800380. Dawn il-biljetti tal-flus gew esebiti f'dawn l-atti u huma mmarkati bhala Dok. AG1 u gew iccertifikati bhala foloz minn Amante Farrugia, ir-rapprezentant tal-Bank Centrali ta' Malta, li xehed fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2006. Fi kwalunkwe kaz id-Difiza waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju 2007 accettat li l-biljetti ta' flus esebiti in atti u mmarkati bhala Dok. AG1 huma foloz u ezentat lill-Prosekuzzjoni milli titlob ghall-hatra ta' espert sabiex jigi dikjarat li dawn il-biljetti ta' flus huma foloz. Mill-provi rrizulta wkoll li saru tfittxijiet ulterjuri kemm fil-vettura tal-imputat kif ukoll fir-residenza tieghu u f'bar propjeta' tieghu (Amigo Bar, il-Marsa) izda lkoll irrizultaw fin-negattiv.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 12 u 13 tal-process) fejn spjega li huwa kien jahdem bhala barman fl-imsemmi Amigo Bar u kien induna li xi hadd hallsu bil-biljetti tal-flus li wara rrizultalu li kienu foloz ghaliex kien mar ihallas bihom sabiex jixtri is-sigaretti u tal-hanut kienet qaltlu li l-flus kienu foloz. Huwa ammetta li ried jipprova jghaddihom lil haddiehor bhal ma haddiehor kien ghaddihom lilu izda qal li meta l-barman tal-Black Gold gibidlu l-attenzjoni dwar il-fatt li dawn il-flus kienu foloz huwa rega' poggihom mal-flus l-ohra li kellu u imbaghad sabuhom fil-pussess tieghu il-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li ffalsifika jew mexxa flus foloz meta kien jaf li huma foloz kif ukoll li kellu fil-pussess tieghu biljetti ta’ flus foloz u li kien jaf li huma foloz. Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi ir-reat ta’ pussess ta’ flus foloz li bih l-imputat qed jigi akkuzat permezz tat-tieni akkuza u dan stante li ingabet il-prova li l-flus foloz instabu fil-pussess tal-imputat kif ukoll il-prova li l-imputat kien jaf li dawn il-biljetti ta’ flus fil-fatt kienu foloz. Dan jirrizulta mill-istess stqarrija tal-imputat fejn huwa ammetta li kien induna li kellu fil-pussess tieghu flus foloz izda nonostante cio’ minflok ma hadhom ghand l-awtoritajiet kompetenti huwa ghazel li jzommhom sabiex jipprova jghaddihom lil haddiehor kif haddiehor kien ghaddihom lilu. Il-Qorti izda jidrilha li ma jistghax jinghad li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat effettivament mexxa il-biljetti ta’ flus foloz u dan stante li ma ngabx bhala xhud il-barman tal-Black Gold Bar sabiex dan jikkonferma li l-imputat kien ghaddielu il-biljetti tal-flus foloz.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz fejn l-imputat spicca sabiex gie ingannat minn terzi billi inghata flus foloz kif ukoll il-fatt li huwa ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u ghalhekk jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ erba’(4) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

Il-Qorti tordna wkoll id-distruzzjoni tat-tlett biljetti ta’ flus falsifikati li huma mmarkati bhala Dok. AG1 liema distruzzjoni ghandha ssir mill-Bank Centrali ta’ Malta.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------